

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/630**tas-16 ta' Frar 2021**

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 48(h) u l-Artikolu 77(1)(k) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 48(h) u l-Artikolu 77(1)(k) tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati biex tistabbilixxi każijiet u kundizzjonijiet li fihom, ċerti oġġetti b'riskju baxx, inklużi l-prodotti komposti, jistgħu jiġu eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, u biex tistabbilixxi regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali speċifiċi fuq daww il-oġġetti.
- (2) Ir-riskju li jirriżulta minn prodotti komposti għas-saħħa pubblika u s-saħħa tal-annimali jiddependi mit-tipi ta' ingredjenti u l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ippakkjar tagħhom. Prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li ma fihomx laħam ipproċessat bħala ingredjent, u li ma jenħtiġux li jiġu trasportati jew maħżuna f'temperaturi kkontrollati, iġorru l-inqas riskju għas-saħħa tal-annimali u għas-sikurezza alimentari mikrobijoloġika. Dan huwa l-każ għall-prodotti tal-ħalib u tal-bajd li jinsabu fi prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li jkunu ġew trattati waqt il-manifattura tagħhom, pereżempju bl-isterilizzazzjoni jew bi trattamenti li juża' temperaturi għoljin ħafna biex jiġi eliminat ir-riskju. Ir-riskji għas-saħħa tal-annimali u għas-sikurezza alimentari mikrobijoloġika jitnaqqsu meta l-prodotti komposti jkunu ppakkjati b'mod sikur jew issiġillati.
- (3) Madankollu, ir-riskji kimiċi għas-sikurezza alimentari ma jitnaqqsusx permezz tat-trattamenti li jagħmlu l-prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa. Mill-perspettiva tas-sikurezza alimentari kimika, ċerti prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li ma fihomx laħam ipproċessat jistgħu jiġu eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, dment li l-prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali li huma ingredjenti tal-prodotti komposti jkunu prodotti fi stabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi awtorizzati li jimportaw fl-Unjoni daww il-prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali, jew fi stabbilimenti li jinsabu fl-Istati Membri.
- (4) Jenħtieġ li l-prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li ma fihomx laħam ipproċessat jiġu prodotti f'wieħed mill-pajjiżi terzi elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ⁽²⁾. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi li jipproduċi l-prodotti komposti ikollu jew pjan ta' kontroll tar-residwi approvat għal kull ingredjent li joriġina mill-annimali u li jkun fil-prodott kompost jew iġib l-ingredjenti li joriġinaw mill-annimali minn Stat Membru jew pajjiżi terzi ieħor li huwa elenkat fid-Deċiżjoni 2011/163/UE għal daww il-komoditajiet.

⁽¹⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

- (5) Meta jitqies ir-riskju baxx tagħhom għas-saħħa pubblika u s-saħħa tal-annimali, ikun xieraq li ċerti prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li ma fihomx laħam ipproċessat jiġu eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u jitniżżlu fl-Anness ta' dan ir-Regolament, fejn jiġu indikati l-kodiċijiet tagħhom min-Nomenklatura Magħquda (NM) kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽³⁾.
- (6) Jenħtieġ li ċerti prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li ma fihomx laħam ipproċessat, eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità ma' dan ir-Regolament u li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi, ikunu akkumpanjati minn attestazzjoni privata pprovduta mill-operatur tan-negozju tal-ikel responsabbli għall-importazzjoni.
- (7) Biex jiġi żgurat li ċerti prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa u li ma fihomx laħam ipproċessat u li huma eżentati mill-kontrolli fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità ma' dan ir-Regolament jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika u tal-annimali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli uffiċjali b'mod regolari, abbażi ta' riskju u bi frekwenza xierqa fil-post tad-destinazzjoni, fil-punt tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jew fl-imħażen jew fil-proprjetajiet tal-operatur responsabbli għall-kunsinna.
- (8) Ir-regoli dwar il-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u dwar il-kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fuq tali prodotti komposti huma sostantivament relatati u huma maħsuba biex jiġu applikati flimkien. Fl-interessi tas-sempliċità u tat-trasparenza, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom u tiġi evitata multiplikazzjoni tar-regoli, dawn jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'att wieħed u mhux f'atti separati b'ħafna kontroreferenzi bir-riskju li ssir duplikazzjoni.
- (9) Eżenzjonijiet mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għal ċerti prodotti komposti diġà jeżistu skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE ⁽⁴⁾. Peress li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-eżenzjonijiet għall-prodotti li attwalment huma koperti mid-Deċiżjoni 2007/275/KE, ċerti dispożizzjonijiet f'dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li jitneħħew mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għad-dħul fl-Unjoni ta' dawn il-prodotti komposti stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ⁽⁵⁾ se japplikaw biss mill-21 ta' April 2021. B'mod simili, ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti komposti stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ⁽⁶⁾ se japplikaw biss mill-21 ta' April 2021. Għaldaqstant, ir-regoli stabbiliti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw ukoll minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar:

- (1) il-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom prodotti komposti jkunu eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u meta tali eżenzjoni hija ġustifikata;
- (2) it-tweġġ ta' kontrolli uffiċjali speċifiċi fuq prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE tas-17 ta' April 2007 dwar il-listi ta' prodotti komposti li jridu jkunu soġġetti għall-kontrolli fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera (ĠU L 116, 4.5.2007, p. 9).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "prodott kompost" ifisser prodott kompost kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
- (2) "prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa" jfisser prodotti li ma jenħtiġux li jiġu trasportati jew maħżuna f'temperaturi kontrollati.

*Artikolu 3***Prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera**

1. Il-Prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li ma jkunx fihom laħam ipproċessat u li huma elenkati fl-Anness għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera dment li tali prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:
 - (a) jikkonformaw mar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 12(2)(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
 - (b) kwalunkwe prodott tal-ħalib u tal-bajd li jinsab fi prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa jkun ġie sogggett għat-trattament f'konformità mal-Artikolu 163(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;
 - (c) ikunu identifikati b'hal maħsuba għall-konsum uman; u
 - (d) jkunu ppakkjati b'mod sikur jew issiġillati.
2. Meta l-prodott jitqiegħed fis-suq, il-prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa msemija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu akkumpanjati minn attestazzjoni privata f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ⁽⁷⁾.

*Artikolu 4***Kontrolli Uffiċjali fuq prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa msemija fl-Artikolu 3(1) b'mod regolari, abbażi ta' riskju u bi frekwenza xierqa, filwaqt li jqisu l-kriterji msemija fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.
2. Il-kontrolli uffiċjali msemija fil-paragrafu 1 għandhom isiru f'wieħed minn dawn il-postijiet li ġejjin fit-territorju doganali tal-Unjoni:
 - (a) il-post tad-destinazzjoni;
 - (b) il-punt ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni;
 - (c) l-imħażen jew l-proprjetà tal-operatur responsabbli għall-kunsinna.
3. Il-kontrolli uffiċjali msemija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) 2017/625.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni u għall-movimenti fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti kategoriji ta' annimali u ta' oġġetti, taċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

*Artikolu 5***Emendi għad-Deċiżjoni 2007/275/KE**

Id-Deċiżjoni 2007/275/KE hija emendata kif ġej:

- (1) Jitħassar l-Artikolu 6;
- (2) Jitħassar l-Anness II.

*Artikolu 6***Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

**Lista ta' prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera
(Artikolu 3)**

Din il-lista tistabbilixxi l-prodotti komposti, f'konformità man-Nomenklatura Magħquda (NM) li tintuża fl-Unjoni li ma għandhomx għalfejn jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

Noti li jirrigwardaw it-tabella:

Kolonna (1) — il-kodiċi NM

Din il-kolonna tindika l-kodiċi NM. In-NM, stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hija bbażata fuq is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija ("Sistema Armonizzata (SA)") imfassla mill-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, u approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE ⁽¹⁾. In-NM tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi tas-SA sa sitt ċifri. Is-seba' u t-tmien ċifri għandhom jidentifikaw aktar subintestaturi NM.

Meta jintuża kodiċi b'erba', sitt jew tmien ċifri mhux immarkati b"ex" u sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, il-prodotti komposti kollha prefissi bi jew koperti minn dawn l-erba', sitt jew tmien ċifri mhumiex meħtieġa jiġu sottomessi għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

Meta ċerti prodotti komposti speċifikati biss li jaqgħu taħt wieħed mill-kodiċi ta' erba', sitt jew tmien ċifri jkun fihom prodotti tal-annimali u fin-NM ma tkun teżisti l-ebda subdiviżjoni speċifika taħt dan il-kodiċi, il-kodiċi jiġi mmarkat "ex". Pereżempju, fir-rigward ta' "ex 2001 90 65", il-kontrolli fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera mhumiex meħtieġa għall-prodotti elenkati fil-kolonna (2).

Kolonna (2) — Spjegazzjoni

Din il-kolonna tagħti d-dettalji tal-prodotti komposti koperti bl-eżenzjoni mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.

Kodiċijiet NM	Spjegazzjonijiet
(1)	(2)
1704, ex 1806 20, ex 1806 31 00, ex 1806 32, ex 1806 90 11, ex 1806 90 19, ex 1806 90 31, ex 1806 90 39, ex 1806 90 50, ex 1806 90 90	Ħlewwiet (inkluż il-ħelu), ċikkulata u preparazzjonijiet oħra tal-ikel li jinkludu l-kawkaw li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)
ex 1902 19, ex 1902 30, ex 1902 40	Għaġin, noodles u kuskus li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)
ex 1905 10, ex 1905 20, ex 1905 31, ex 1905 32, ex 1905 40, ex 1905 90	Ħobż, kejkijiet, gallettini, waffles u wafers, biskuttelli, ħobż mixwi u prodotti simili mixwijn li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)
ex 2001 90 65, ex 2005 70 00, ex 1604	Żebbuġ mimli bil-ħut li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)
2101	Estratti, essenzi u konċentrati, tal-kafè, te jew maté u preparati b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, te jew maté tagħhom, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1). Ċikwejra nkaljata u sostituti tal-kafè oħrajn inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1).
ex 2104	Stokkijiet u ħwawar tas-sopop ippakkjati għall-konsumatur finali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

ex 2106	Supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumatur finali, li fihom prodotti pproċessati mill-annimali (inklużi l-glukożammina, l-kondrojtin jew il-kitosan) li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)
ex 2208 70	Likuri u kordjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1)